*Ref*: 42/7/194/18

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 42

*L-Erbgħa 4 ta' April 2018*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar L-Erbgħa 4 ta' April 2018. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku*<br>Steven Axisa *Viċi-Sindku*<br>Bernard Sean Lynch-*Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija**<br>(Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Roderick Spiteri-*Kunsillier*<br>Nicholas Seychell-Kunsillier<br>Tyrone Muscat-Kunsillier<br>Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **<u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsilliera Spiteri, Seychell, Muscat u Bartolo talbu biex ikunu skużati minħabba impenji ta' xogħol. Il-membri aċċettaw li huma ikunu skużati. Il-laqgħa setgħet tipproċedi bi tlett membri fid-dawl ta' nuqqas ta' kworum f'aktar minn żewġ laqgħat preċedenti skond il-provedimenti tal-Att 363 dwar il-Kunsilli Lokali.

2. **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr.38, 39, 40 u 41, ġew approvati *nem com.*

2.2. Dwar nr. 8.1 il-Kunsillier Lynch staqsa jekk għadhomx qed isiru il-laqgħat mal-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li dawn il-laqgħat isiru kull tlett ġimgħat nhar ta' Tlieta. Is-Sindku kompla li huwa jagħti dettalji ta' dawn il-laqgħat fil-laqgħa tal-Kunsill.

3. **<u>Korrispondenza</u>**

3.1. Talba għal rifużjoni tal-ispejjeż għal-ħsara *f'tyre* li sargħet meta vettura kienet għaddejja fi Triq il-Baċir. Il-membri approvaw it-talba fid-dawl li d-dokumenti u l-provi kollha mitluba kienu preżenti.

3.2. Ittra mingħand is-Sur Peter Paul Attard b'referenza għall-applikazzjoni tiegħu sabiex isiru *double yellow lines* faċċata tal-garaxx tiegħu. Dawn il-linja saru kif approvati minn Transport Malta però jidher li dan wassal sabiex is-Sur Attard xorta ma setax idaħħal il-van fil-garaxx. Huwa talab li tinstab soluzzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka illi hemm il-possibilità li l-parkeġġ jinqaleb in-naħa l-oħra. Il-membri talbu li dan jiġi investigat sabiex jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

3.3. Stedina mingħand is-Sindku ta' Paola fl-Italja sabiex is-Sindku jattendi għall-festa tagħhom. Il-Viċi Sindku talab sabiex tiġi diskussa il-possibilità sabiex tintbagħat delegazzjoni. Il-membri qablu li f'każ li ir-risposta tkun fin-negattiv għandu jattendi is-Sindku waħdu.

3.4. Talba mingħand l-Għaqda Nar u Armar Madonna ta' Lourdes Paola sabiex isir Festival ta' Trasport f'Telgħet Raħal Ġdid. Il-membri approvaw sakemm ikun hemm l-approvazzjoni ta' Transport Malta. Il-membri qablu wkoll li l-Kunsill jissupplixxi mobile toilets u ambulanza.

3.5. Talba sabiex jingħata permess lil entita *Cross Culture International Foundation* sabiex tagħmel attivitajiet ta' mużika fil-Pjazza bis-suġġett marbut ma' traffikar ta' persuni. Il-membri approvaw.

**4. <u>Laqgħa tal-Lokalita</u>**

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li dan l-item qed jitressaq fid-dawl li l-liġi tal-istess Kunsilli Lokali titlob li dan isir wara li issir laqgħa annwali tal-Lokalita. Huwa kompla u qal li l-kummenti tar-residenti li attendew kienu marbuta mal-Proġett tal-Pjazza. Hawnhekk is-Sindku qal illi huwa jinsab infurmat li l-bankini imsemmija tul din il-laqgħa kemm ta' Ġużè D'Amato kif ukoll ta' Triq il-Knisja jitranġaw.

4.2. Dwar il-proġett tal-Pjazza is-Sindku kompla billi qal li huwa kien infurmat li n-naħa ta' fuq tal-Pjazza ser tingħalaq għal-xahrejn sabiex il-proġett jitlesta fl-iqsar żmien possibbli. Is-Sindku kompla billi qal li dan wassal sabiex kellhom isiru xi diversions min-naħa tal-kuntrattur tal-proġett sabiex il-vetturi u anke Trasport Pubbliku ikun jista' jgħaddi.

**5. <u>Korsijiet tal-kompjuter għas-sajf</u>**

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi reġa' wasal iż-żmien li jibdew il-preparamenti għal korsijiet tal-kompjuter tat-tfal għas-Sajf u għaldaqstant il-membri approvaw li isir kors ta' Robotika mal-kumpanija TCTC kif irrimarkat fil-korrispondenza tagħhom.

5.2. Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-possibbiltà li isiru lezzjonijiet/privat għat-tfal bħala reviżjoni fis-sajf għal uħud li jkollhom bżonn l-għajnuna f'xi suġġett. Huwa kompla billi qal li dan qed isir fil-Kunsill ta' Hal Qormi. Il-membri qablu li jaraw kif dan qed isir minn dan l-istess Kunsill sabiex jekk possibbli ikun jista' isir ukoll fil-Kunsill Lokali Paola.

## 6. Offerti

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li kienet tlestiet l-evalwazzjoni marbuta mat-Tender tas-*Soft Areas* u ippreżenta ir-Rapport ta' Evalwazzjoni lil membri. Il-membri qablu li japprovaw dan ir-rapport u r-rakkomandazzjoni innotat fih mill-Bord ta' Evalwazzjoni.

## 7. Staff

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li kien tkompla l-proċess marbut mal-vakanza ta' l-impjegat fi Skala 15 fejn saru l-intervisti lil tlett kandidati li wasslu l-applikazzjoni tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta r-rapport ta' dawn l-intervisti lil membri. Il-Viċi Sindku qal li huwa kien ser jastjeni fid-dawl li ma setax ikun preżenti fl-intervisti. Il-bqija tal-membri approvaw dan ir-rapport u li jingħata l-impjieg lil Carol Walsh.

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv sostna li l-apparat tal-kompjuters fl-uffiċini tal-Kunsill huma antiki u wasal iż-żmien li dawn jinbidlu. Il-membri approvaw li isir dan l-investiment fl-apparat. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla li dawn l-assi ġodda kollha tal-Kunsill ser jibdew ikunu immarkati u innumerati kif suppost skont iċ-ċirkulari tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 8. Komunikazzjoni mis-Sindku

8.1. Is-Sindku informa lil membri li fid-dawl tat-tibdil tal-bankini tal-pjazza kif diskussi aktar qabel hemm suġġett ieħor li irid jiġi iċċarat. Huwa qal li hemm stage ta' tal-linja li kien pjanat li isir faċċata tal-Poliklinika in-naħa tal-Knisja. Il-membri iddiskutew dan u qablu li dan l-istage m'għandux isir hemm fid-dawl li dik il-parti hija tassew traffikuża kemm bil-vetturi u bin-nies li jkunu għaddejjin fuq il-bankini kif ukoll li faċli jitwaqqaf it-traffiku meta jkollok karozzi tal-linja wieqfa fuq kull naħa.

8.2. Dwar salib it-toroq ta' Triq Palma ma' Triq Luqa, Triq Tarxien u l-Pjazza is-Sindku informa lil membri li kien infurmat minn Transport Malta li għadhom qed isiru l-istudji neċessarji fuq din is-sistema.

8.3. Is-Sindku informa lil membri illi wara l-bosta talbiet li saru lil Transport Malta ikkonferma li beda ix-xogħol fi Triq il-Baċir kif ukoll fit-toroq rurali li hemm taħt Vjal Santa Luċija.

9. **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri</u>**

9.1. Il-Viċi Sindku qal li huwa kien ġie avviċinat min Dr. Malcolm Borg li kien qed jaħdem fuq ktieb dwar l-istorja ta' Raħal Ġdid. Huwa fakkar li dan il-ktieb ta' storja kien diskuss f'laqgħat preċedenti. Huwa kompla li Dr. Borg għandu jippreżenta dan il-ktieb meta jkun lest sabiex naraw ikunx pubblikat mill-Kunsill. Il-membri qablu ma dan il-ħsieb u għandu jkun diskuss f'aktar dettall fil-ġranet li ġejjin. Il-membri qablu wkoll li l-intervisti storiċi li kienu sar fil-leġislatura preċedenti għandom ikunu *online* ukoll.

9.2. Il-Viċi Sindku qal li jixtieq jibda jaħdem fuq attività ta' livell għoli li ssir fis-sajf issa li l-Proġett tal-Pjazza wasal biex ikun lest. Huwa qal li tiġa għamel kuntatt ma artisti varji sabiex jieħu idea tal-prezzijiet. Il-membri qablu li għandom isiru diskussjonijiet ma' l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu sabiex tkun parti minn din l-attività li hija maħsuba li ssir f'Settembru.

10. **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti</u>**

10.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 42 għas-somma ta' €48,007.30.

11. **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>**

11.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:35pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 25 ta' April 2018.

11.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 25 ta' April 2018. .

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |